## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 2** | **Storja** | **Time: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Name: ________________________ Class: ________________

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha**

**1. Agħmel sinjal taħt it-twegiba t-tajba**

1.1 Meta l-Konti Ruġġieru ġie Malta, il-belt kapitali tagħna kienet
(a) il-Belt Valletta (b) il-Birgu (ċ) l-Imdina (d) Tas-Sliema

1.2 L-ilsiera li Ruġġieru ħeles f'Malta kienu
(a) Misilmin (b) Insara (ċ) Pagani (d) Lhud

1.3 Il-Konti Ruġġieru għamel lill-Gzejjer Maltin "tributarji", jiġifieri
(a) ilsiera (b) sħab miegħu (ċ) pprivileġġjati (d) iħallsu l-ħarag lilu

1.4 Ruġġieru II
(a) għaqqad lil Malta mas-saltna Normanna ta' sqallija
(b) abbanduna lil Malta f'idejn l-Għarab
(ċ) keċċa lill-Maltin minn Malta bħala kastig
(d) ċekken lil-Imdina għax kienet kbira wisq biex jiddefendiha

1.5 Fi żmien in-Normanni l-Latin kien
(a) il-lingwa li l-poplu kien jitkellem biha fil-ħajja ta' kuljum
(b) il-lingwa għall-korrispondenza uffiċjali
(ċ) il-lingwa li kienet spiċċat għal kollox u ma tintuża qatt
(d) il-lingwa li biha kienu jitkellmu l-Għarab

(5 x 1 = 5 marki)

**2. Wiegeb dawn il-mistoqsijiet**

1.1 Xi tfisser il-kelma 'evidenza'? ____________________________________________
____________________________________________________________ (2 marki)

1.2 Semmi xi forma ta' evidenza? ____________________________________________
____________________________________________________________ (2 marki)

1.3 Fuq min kiteb Malaterra? ____________________________________________
____________________________________________________________ (2 marki)

1.1 Għaliex il-kitba ta' Malaterra hija sors primarju? ______________________________
____________________________________________________________ (2 marki)

1.5 X'kont tħoss lejn il-Konti Ruġġieru kieku inti kont wieħed jew waħda mill-ilsiera li ħeles?
____________________________________________________________
____________________________________________________________ (2 marki)

1.6 Fl-1175 l-isqof Burckhard Von Strassburg stqarr li fil-biċċa l-kbira tagħha Malta kienet Musulmana. Taħseb li dan il-kliem għandna noqogħdu fuqu? ____________________
________________________________________________________________ (marka)
Għaliex taħseb hekk? ________________________________________________________
________________________________________________________________ (2 marki)
(Total: 13 –il marka)

---

3.



Il-Ħaġra ta' Majmuna 1174

3.1 Ma liema seklu tagħmel s-sena 1174?
__________________________________

3.2 X'inhu dak l-ispeci ta'disinn jew skultura li hemm fuq il-ġebla? ______________
__________________________________
__________________________________

3.3 Min kienet Majmuna? ______________
__________________________________
__________________________________

3.4 Għaliex il-Ħaġra ta' Majmuna ssostni b'xi mod dak li qal l-isqof Burckhard?
__________________________________
__________________________________
__________________________________

3.5 X' turina l-Ħġra fuq is-sengħa ta' min għamilha? ________________________
__________________________________

(5 x 2 = 10 marki)

---

**4. Studja l-istampa u wieġeb għal dawn id-domandi.**



4.1 Xi kwalita' ta' nies jidhru fl-istampa? ____________________________________________

____________________________________________________________________________

4.2 Minn dak li qed tara fl-istampa x'tip ta' ikel kienu jieklu? ___________________________

____________________________________________________________________________

4.3 Għalxiex taħseb li kien jintuża ż-żiemel? _____________________________________

____________________________________________________________________________

4.4 X'jidher fl-istampa li jagħtina ħjiel li dawn in-nies ma kinux ħielsa għal kollox?

____________________________________________________________________________

4.5 Fl-istampa ma jidhrux tfal. Fejn timmaġina li qegħdin?

(a) ______________________________________________________

(b) ______________________________________________________

(5 x 2 = 10 marki)

---

5. **Agħmel sing taħt dik li ma taqbilx ma' l-oħrajn u mbagħad spjega għaliex għażilt lilha u f'hiex ma taqbilx ma' l-oħrajn.**

5.1 (a) Il-Vespri Sqallin
(b) taqbida fil-port ta' Malta bejn il-flotot Anguvini u dawk Aragoniżi
(ċ) fdal ta' lapidi ta' oqbra tan-nobbli Franċiżi midfuna r-Rabat, Għawdex
(d) it-Torri li nbena fuq Kemmuna.

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

5.2 (a) Il-Kunsill Popolari (b) Id-Dejma (ċ) In-Nafra (d) Il-Kavabuzz

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

5.3 (a) Tumas d' Akwinu (b) Gonsalvo Monroy (ċ) Leonardo da Vinci (d) Dante Alighieri

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

(3 X 3 = 9 marki)

---

**6.** **Ikteb sentenza b' dawn li ġejjin b' mod li turi li taf fuqiex qed titkellem. Ara li f'kull sentenza tniżżel żewġ punti validi.**

6.1 Sidien fewdatarji: ______________________________

5.2 Medina Notabile: ______________________________

5.3 Il-Kastell ta' Sant' Anglu: ______________________________

5.4 It-tkeċċija tal-Lhud fl-1492: ______________________________

5.5 It-Torri tal-Misħun: ______________________________

(5 x 2 = 10 marki)

---

**7.** **Wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet.**

7.1 Għaliex il-miġja tal-Patrijiet f'Malta halliet effett tajjeb fuq it-tagħlim?

______________________________

7.2 Għaliex il-poplu kien x'aktarx jibża' mill-Inkwiżizzjoni?

______________________________

7.3 X'kien ix-xogħol tal-membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann meta din twaqqfet?

______________________________

7.4 Semmi żewġ postijiet fejn kienet l-Ordni qabel din ġiet Malta.

______________ ______________

7.5 Għaliex il-Kavallieri ma tantx xtaqu jiġu Malta?

______________________________

7.6 Agħti raġuni ewlenija għala l-Kavallieri kienu għedewwa kbar tat-Torok u ta' l-Għarab.

______________________________

7.7 Għaliex in-nobbli Maltin ma ħadux pjaċir bl-aħbar li l-kavallieri kienu ġejjin Malta?

______________________________

7.8 X'kien l-effett ta' l-attakk ta' Dragut fuq Għawdex fl-1551?

______________________________

5.9 X'kien l-effett ta' l-aħbar li rċieva La Vallette jiġifieri li t-Torok kienu qed iħejju attakk fuq Malta? ______________________________

______________________________

5.10 X'kienet il-kawża ewlenija li minħabba fiha Sulejman iddeċieda li jattakka lil Malta?

______________________________

______________________________

5.11 Kif għen il-Papa fit-tħejjija għall-Assedju l-Kbir? ______________________________

______________________________

5.12 Semmi xi diffikultajiet li timmaġina ltaqgħu magħhom is-suldati Torok waqt l-Assedju.

______________________________

______________________________

5.13 Semmi raġuni waħda għala taħseb li t-Torok ma ridux ideffsu l-flotta tagħhom fil-ġlied matul l-Assedju? ______________________________

______________________________

5.14 Liema monument ifakkarna f' "Jum ir-Rebħa"?

______________________________

(14 x 2 = 28 marka)

---

**8. Agħżel mistoqsija *__waħda__* u wegibha fit-tul.**

8.1 Agħżel tliet industriji tradizzjonali Maltin. Ikteb dwarhom. Għaliex dawn l-industriji kienu ta' vantaġġ għall-Maltin? Xi problemi setgħu joħolqulhom?

8.2 Agħżel xi post storiku li żort matul din is-sena u li għandu x'jaqsam mas-suġġetti ta' l-Istorja li tgħallimt fuqhom. Semmi l-post. X'tgħallimt meta mort? X'taf dwar il-post? Taħseb li huwa miżmum tajjeb? Għandek xi suġġerimenti.

5.3 Kevin qal lil oħtu: "Il-Maltin qatt ma' kienu kuntenti taħt is-sidien fewdatarji". Inti taqbel ma' Kevin? Agħti ragunijiet biex issostni l-argument tiegħek.

5.4 "Is-sehem tal-Maltin matul l-Assedju kien kbir ħafna. Anke n-nisa u t-tfal taw il-parti tagħhom", qalet Marija lil ħabibha. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar kliem Marija. Taqbel magħha? Għaliex?

5.5 Agħti raġunijiet li wasslu biex l-Assedju l-Kbir jintrebaħ mill kavallieri u l-Maltin.

(15–il marka)

---